# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 40/2019 RM**

**Paul & Rocco (Gzira) Limited (C-2661)**

**Vs**

**Carmel Frendo (K.I. 288676M)**

**Illum 30 ta' April, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Paul & Rocco pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Marzu 2019 fejn Mariella Aquilina, detentrici tal-karta ta' l-identita' 468866M, debitament awtorizzata, iddikjarat u kkonfermat bil-gurament illi:-

1. *Illi permezz tal-ittra ufficjali datata 24 ta' Mejju 2013 bin-numru ta' referenza 1506/2013 fl-ismijiet premessi, li saret sabiex tirrendi numru ta' kambjali ezekuttivi ai termini tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap 12 (kopja tal-ittra ufficjali hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok A'), is-socjeta' rikorrenti ottjeniet titolu ezekuttiv ghas-somma ta' elf, mitejn u erbgha u hamsin ewro u sitt centezmi (1,254.06) fil-konfront tal-intimata, liema debitu huwa rikonoxxut minn kambjali;*

2. *Illi l-ittra ufficjali giet notifikata lill-intimata fit-30 ta' Mejju 2013, u ghaldaqstant ma gie ntavolat ebda rikors kif jipprovdi l-proviso ghall-Artikolu 253 (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Illi sal-lum il-gurnata u minkejja diversi interpellazjonijiet, l-intimata baqghet inadempjenti fil-hlas tal-ammont surriferit;*

4. *Illi skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 258 (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv bhala dak li ottjeniet is-socjeta' rikorrenti, wara l- gheluq ta' hames snin minn dakinhar li fih skont il-ligi seta' jigi ezegwit tista' ssir biss talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti;*

5. *Illi s-socjeta' rikorrenti ghandha interess tkompli bl-ezekuzzjoni tal-imsemmi titolu ezekuttiv;*

6. *Illi ghall-finijiet tal-Artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta' rikorrenti tiddikjara li l-ammont ta' elf, mitejn u erbgha u hamsin ewro u sitt centezmi (€1,254.06), flimkien mal-imghaxijiet u spejjez relattivi skont il-ligi ghadhom dovuti stante li ma ser ebda pagament relattiv ghall-kambjali hemm indikati.*

*Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti qeghda umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, a tenur tal-artikolu 258 (c) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) joghgobha tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 24 ta' Mejju 2013 bin-numru ta' referenza 1506/2013 u bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament.*

***Illum, 30 ta' April 2019.*** ***Magistrat Dr. Rachel Montebello B.A. LL.D.***

Rat illi r-Rikors gie appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tat-30 ta' April 2019;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat bir-Rikors promotur, ipprezenta nota waqt l-imsemmija udjenza tat-30 ta' April 2019 li biha ammetta ghat-talba;

Ikkunsidrat;

Illi din hija talba sabiex il-Qorti tawtorizza l-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv ottjenut bis-sahha ta' ittra ufficjali pprezentata a tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-atti jirrizulta illi fl-24 ta' Mejju 2013 is-socjeta` rikorrenti kienet ipprezentat ittra ufficjali (Numru 1506/2013) fil-konfront tal-intimat Carmel Frendo ghall-finijiet tas-subinciz (e) tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 12, liema ittra[1], ghalkemm jinghad fil-korp tar-Rikors promotur odjern li giet notifikata lill-intimat fit-30 ta' Mejju 2013, ma jirrizultax meta giet effettivament notifikata lilu.

Illi madanakollu, billi l-intimat Carmel Frendo permezz tan-nota minnu pprezentata fl-udjenza tat-30 ta' April 2019, ammetta bla rizerva ghat-talba tas-socjeta` rikorrenti kif dedotta fir-Rikors promotur, il-Qorti qieghda tqis illi l-ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju 2013 giet effettivament notifikata lilu u dan fit-30 ta' Mejju 2013 skont kif dikjarat bil-gurament mis-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat;

Illi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 jistipolaw illi kambjali mahrugin skont id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc huma titolu ezekuttiv, izda sabiex dawn jigu rezi esegwibbli, id-debitur ghandu jigi notifikat b'ittra ufficjali li tintbaghat sabiex tirrendi l-istess kambjali ezegwibbli.

[1] Kopja informali tal-ittra ufficjali giet annessa mar-Rikors promotur, immarkat Dok. A.

Fil-kaz *de quo*, oltre li kif gia` inghad ma jirrizultax meta l-intimat Carmel Frendo gie effettivament notifikat bl-ittra ufficjali (Dok. A), ma jirrizultax lanqas jekk huwa kien pprezenta rikors ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottjenut bis-sahha tal-kambjali mertu tal-istess ittra ufficjali a tenur tal-proviso ghall-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12. Izda billi, kif inghad, l-intimat ammetta minghajr rizerva ghat-talba tas-socjeta` rikorrenti, il-Qorti fehmet ukoll illi l-intimat ma talabx is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv skont il-procedura u entro t-terminu kontemplat fis-subinciz (e) tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12 u konsegwentement, tqis illi s-socjeta` rikorrenti ottjeniet titolu ezekuttiv riferibbilment ghall-kambjali mertu tal-ittra ufficjali Numru 1506/2013 (Dok. A1 sa Dok. A5) bis-sahha tal-istess ittra ufficjali notifikata lill-intimat.

Ikkunsidrat;

Illi madanakollu, l-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 jistipola illi:-

"*Wara ... l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, ... seta' ġie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.*"

Illi f'dan il-kaz bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12, galadarba l-intimat ammetta illi huwa gie notifikat bl-ittra ufficjali pprezentata ghall-finijiet tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, u dan fit-30 ta' Mejju 2013, isegwi illi t-titolu ezekuttiv ottjenut bis-sahha ta' dik l-ittra ufficjali seta' jigi ezegwit jumejn wara n-notifika.

Konsegwentement, jirrizulta wkoll mill-atti li ghaddew iktar mill-hames (5) snin imsemmijin fl-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 minghajr ma gie ezegwit it-titolu ezekuttiv miksub fil-konfront tal-intimat[2].

Mill-atti jirrizulta ulterjorment illi r-rekwiziti tal-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 sabiex is-socjeta` rikorrenti tmexxi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv minnha miksub bl-ittra ufficjali Numru 1506/2013, jinsabu kollha sodisfatti u dan billi evidentement, it-talba saret quddiem il-Qorti kompetenti u s-socjeta` rikorrenti kkonfermat ukoll bil-gurament illi d-dejn fis-somma ta' elf mitejn u erbgha u hamsin Euro u sitt centemzi (€1,254.06) huwa dovut fuq diversi kambjali rezi ezekuttivi bl-imsemmija ittra ufficjali, kif ukoll illi dan id-dejn ghadu dovut, kif del resto ammetta wkoll l-intimat.

Ikkunsidrat ulterjorment;

In konkluzjoni, il-Qorti tqis illi ghandha tissenjala illi ghalkemm skont l-Artikolu 258, it-talba ghal-awtorizzazzjoni ghat-tmexxija ghall-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv ghandha ssir <u>b'rikors</u>, u ghandu jigi <u>konfermat bil-gurament</u> tar-rikorrent ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-ezekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu ghadu dovut, <u>il-forma tar-rikors ipprospettat mil-legislatur m'hijiex dik tar-Rikors Guramentat kontemplat fl-Artikolu 156 tal-Kapitolu 12</u>.

Dan qed jinghad ghaliex jirrizulta illi r-Rikors promotur ipprezentat mis-socjeta` rikorrenti fih mhux biss l-avviz kontemplat mill-Artikolu 156(1)(d) tal-Kap. 12 izda wkoll il-htigijiet kollha formali u sostantivi msemmijin fl-istess subinciz (1) tal-Artikolu 156, u ghalhekk jidher illi l-forma li uzat is-socjeta` rikorrenti biex tmexxi 'l quddiem il-proceduri odjerni m'hijiex dik li kellu f'mohhu il-legislatur ghall-finijiet tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12. Effettivament, filwaqt l-Artikolu 154 tal-istess Kap. 12 jistipola illi l-procediment b'Rikors Guramentat jitqies li huwa kawza, il-procediment odjern li sar a tenur tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 <u>m'huwiex kawza izda semplici talba lill-Qorti ghall-awtorizzazzjoni li jigi ezegwit titolu ezekuttiv gia` ottjenut</u>. Wara

[2] Ir-Rikors promotur gie pprezentat fl-1 ta' Marzu 2019.

kollox huma l-procedimenti fil-Qrati superjuri li jitmexxew b'Rikors Gurament[3] u mhux dawk quddiem din il-Qorti.

Minkejja dan izda, bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 164(2) tal-Kapitolu 12, li jipprospettaw sitwazzjoni fejn, bhal fil-kaz odjern, kawza illi jmissha tingieb b'rikors minflok tingieb b'Rikors Guramentat, il-Qorti tqis illi ma hemmx nul-lita` tal-procediment odjern.

Ghaldaqstant, in vista wkoll tal-ammissjoni tal-intimat ghat-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-awtorizzazzjoni biex tezegwixxi t-titolu ezekuttiv ottjenut bl-ittra ufficjali Numru 1506/2013, il-Qorti tqis li ma hemm ebda impediment sabiex hija tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u fuq ammissjoni tal-intimat, qieghda tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tawtorizza lill-istess socjeta` rikorrenti sabiex tmexxi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottjenut fl-konfront tal-intimat Carmel Frendo permezz tal-ittra ufficjali Numru 1506/2013, izda billi dawn il-proceduri ma humiex intizi ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-hlas ta' imghax.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet izda l-ispejjez tal-ittra ufficjali Numru 1506/2013 ghandhom ibatihom l-intimat.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat.**

[3] Artikolu 161(1) tal-Kap. 12.